**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni* *Nru. 577/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur Roderick Spiteri )**

**-vs-**

**Raymond Debono detentur tal-karta tal-identità numru 668860M**

*Kumpilazzjoni* *Nru. 577/2019*

**Illum:** 2 ta' Novembru, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Raymond Debono** u ċioe talli:

1. Nhar it-18 ta' Settembru 2019 għall-ħabta tas-17:45 ta'wara nofsinhar, ġewwa Sqaq il-Warda, Għargħur, u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, bil-ħsieb li jikkommetti delitt u ċioe' li dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Emmanuele Zarb, anzjan ta' 74 sena mill-Għargħur, jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

2. U aktar talli, fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, permezz t'arma regolari ikkaġuna offiża ta'natura gravi fuq il-persuna t'Emmanuele Zarb, anzjan ta'74 sena mill-Għargħur;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna, jew ta' serq, jew ħsara fil-

propjetà, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta u bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħajr il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, hedded lil Emmanuele Zarb, anzjan ta'74 sena mill-Għargħur, bil-mewt.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta'ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbiliti skond il-liġi, tapplika il-provedimenti tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li tipprovdi għas-sigurtà ta' u protezzjoni tal-persuna ta'Emmanuele Zarb, il-mara tiegħu u ż-żewġt itfal tagħhom u l-familja tagħhom, minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza skond il-provedimenti tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Lulju, 2022, permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 218(1)(a)(b)(2) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(ċ)(d)(2), 217 u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 55(a), 56, 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 6, 51(7)(9), 56, 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u
6. Fl-artikoli 15A(1)(2), 17, 23(1), 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[2]

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.
<u>Preliminari</u>

---

[1] Fol.778
[2] Fol.780

Mhux kontestat li l-provi juru li l-vittma wara li ndarab b'sikkina, ġie rikoverat l-isptar fejn ġie operat. Dak li l-abbli difensur tal-imputat jissottometti hu li Debono aġixxa wara li kien ilu żmien jiġi provokat mill-istess Zarb. Għaldaqstant m'hemmx raġuni sabiex il-Qorti tittratta u/jew tirriproduċi riassunt tax-xiehda tal-ġirien, tan-nies li kienu fil-pjazza[3] jew xiehda tal-*personnel* mediku li ħadu lil Zarb Mater Dei bl-ambulanza[4] sakemm ma jirrizultawx fatturi li jinċidu fuq il-mertu ta' dan il-proċediment; cioe jimpinġu fuq l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat.

Ikkunsidrat,

Emmanuele Zarb, il-vittma, irrakkonta kif l-imputat li jiġi kuġinuh, joqgħod fi trejqa li tagħti għat-triq li joqgħod ibnu, Triq Caravaggio. Gara li peress li ibnu kien imsiefer, filgħodu kien jgħaddi minn quddiem id-dar tal-imputat biex iniżżel il-ħasira tal-bieb t'ibnu w filgħaxija, għal xi 5-5:30pm, imur itellagħha. L-aħħar li nieżel biex imur itella' l-ħasira ra lill-imputat fil-bieb tiegħu w għalkemm hu baqa' għaddej, Debono ***"ġie warajja qalli jien noqtlok, jien lilek noqtlok u ħareġ l-mus u qabbad jxejjer".***[5] Intlaqat taħt żaqqu fuq ix-xellug. Hu kien jgħaddi għad-dar ta' ibnu minn ġol-sqaq fejn jgħix l-imputat biex jieħu *short cut* għal Triq Caravaggio.[6] Baqa' sejjer viċin il-każin tan-nazzjonalisti, wara l-knisja, biex talab persuni li kien għadu kemm rahom ftit qabel issejjħu għall-ambulanza. Zarb jgħid li ma kien qal xejn lill-imputat li "*Hu kien fil-bieb ta' dar..... Tani daqqa, ghandi xi tlett daqqiet hawn*" fejn indika li d-daqqiet ż-żgħar ħadhom fuq iż-żewġ naħat ta' sidru.[7] Dam kważi ġimgħa l-isptar u bid-daqqa l-kbira li qala taħt żaqqu jgħid ***"Kważi l-imsaren ġew jidhru".***[8].

Zarb ikompli li Debono ħareġ il-mus mill-but. Kien għamel ħmistax jgħaddi minn quddiemu minn dik it-trejqa. Zarb jispjega li dakinhar l-ewwel darba li ra l-imputat hu kien fil-bieb iżda hekk kif kompla miexi l-isfel ***"ġie waraja u qalli jiena lilek noqtlok, lilek noqtlok".*** Għalkemm Debono ġie minn warajh, x'ħin qallu "*lilek noqtlok umbghad harist*" u rah joħroġ il-mus.[9] Ċertifikat tat-twelid ta' Zarb juri li fil-jum tad-delitt, hu kellu <u>74 sena</u>.[10]
**Andrew Zarb**, bin il-vittma, xehed kif meta jsiefer kien jitlob lil missieru jniżżel w itella' l-ħasira tad-dar biex tidher li r-residenza hi ffrekwentata. Ikkonferma

---

[3] Professur David Bartolo, Fr. Chris Galea, Darren Spiteri, Charlie Grech u Ursola Borg Olivier
[4] Vince Etim Amo, David Debattista u Jeffrey Handy
[5] Fol.15
[6] Fol.15
[7] Fol.16
[8] Ibid.
[9] Fol.18
[10] **Dok.RS** a fol.144

li Sqaq Warda fejn joqgħod l-imputat isservi ta' *short cut* bejn Triq Caravaggio fejn hemm daru w Triq Karmnu Zarb fejn joqgħod missieru.[11]

**Michael Xerri** jixhed li wara li sema għajjat ta *"Ajma, Ajma"*, ra żewġ irġiel viċin xulxin bil-ferut iżomm żaqqu bi dmija ma idejh. Kienu qed jargumentaw u sakemm mar sejjaħ lill-sieħbu w irritorna, il-ferut kien beda miexi l-fuq.[12] **Profs. Bartolo** li ppresta l-ewwel għajnuna lil Zarb jixhed li Zarb kien f'sensih iżda l-polz kien bgħatut: *"You could see some intestines was coming out of his belly, not much, just a small amount".*[13]

L-**Ispettur Roderick Spiteri** jispjega li x'ħin il-pulizija mill-Għassa tan-Naxxar ġew infurmati bil-feriment ta' persuna, dawn marru fuq il-post fejn sabu lil Zarb qed jiġi assistit minn Profs. David Bartolo. Zarb informa lill-pulizija li kien kuġinuh, Raymond Debono, li tah daqqiet bi strument li jaqta w bil-ponta. Wara l-aggressjoni Zarb qal lill-pulizija li Debono reġa' daħal lura lejn daru. Minn Mater Dei ġew infurmati li Zarb kien fil-periklu tal-mewt. Mill-sqaq inġabru numru ta' *cctv cameras*. Fil-kors tal-istqarrija meħuda, Debono ma kkowoperax mal-pulizija minkejja li ntwera l-filmat li juri l-aggressjoni.[14] Fil-fatt kien il-filmat li wera d-dinamika kif seħħet l-aggressjoni. Debono jidher **jistenna** fil-bieb għall-madwar 25 minuta qabel ma għadda minn quddiemu Zarb *"u eżatti x'ħin jgħaddi f'temp ta' minuta jidher kollox, qed* ***jagħtih xi daqqiet b'dak li jidher xi strument li jaqta u bil-ponta****."* Muri l-filmat Debono baqa' jħares l-isfel u ma weġibx għad-domandi li sarulu.[15]

L-ispettur esibixxa l-**Current Incident Report** liema rapport sussegwentement ġie konfermat minn **PS609 James Robert Magro**.[16] F'dan ir-rapport jirrizulta li l-pulizija li wasslu fuq ix-xena sabu lil Debono ġewwa r-residenza tiegħu kif qalhom Zarb. Interessanti li fir-rapport jiġi nnotat li t-taqtir ta' dmija kien jibda minn ftit l-isfel mill-bieb numru 21,[17] ir-residenza tal-imputat, u dan jikkorobora dak li jixhed il-vittma li Debono **segwieh** hekk kif kien skorra l-bieb tiegħu w **ġieh minn wara**. Mir-residenza tal-imputat ittieħdu *shot gun*, 99 skrataċċ u ċinturin tal-kaċċa.[18] **PC1151[19], PC1260[20], PC1027[21]** u **WPC426[22]** lkoll

[11] Fol.21
[12] Fol.42-43
[13] Fol.47
[14] Fol.34-35
[15] Fol.35
[16] Fol.131.**Dok.JM** a fol.133 et seq. Kopja oħra esibita bħala **Dok.RS** a fol.38 et seq
[17] Fol.40
[18] Ibid.
[19] Fol.128-129
[20] Fol.141-142
[21] Fol.137-138
[22] Fol.139-140

kkoroboraw dak kontenut fil-Current Incident Report tenut kont li huma irrikorrew fuq ix-xena tad-delitt.

**PC02 Joseph Chircop** iddeskriva kif fl-20 ta' Settembru tas-sena 2019 għall-ħabta tas-sitta u nofs, fuq ordni tal-Ispettur u flimkien mal-imputat, marru fir-residenza tiegħu w minħabba li fuq ismu l-imputat kellu arma tan-nar reġistrata, ġie elevat *shotgun* KFS, flimkien ma disgħa w disgħin skrataċċ tal-kaċċa. [23] Dan jiġi konfermat minn **PC297 Christian Farrugia** [24] li sussegwentement ippreżenta l-irċevuti rilevanti. [25] **PC548 Christian Bajada** ukoll jikkonferma li mir-residenza ta' Raymond Debono, inġabru "*shotgun, cintorin tal-kacca u disgha u disghin skartocc*".[26] **PC1294 Brian Bugeja**[27] spjega li Debono għandu arma waħda irreġistrata fuqu li hi *shotgun*, senter, li ġie elevat mill-Pulizija.[28]

Is-*Scene of Crime Officers* **PC1331 Darren Debattista** u **PS586 Mario Azzopardi** ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom li tinkludi faxxikoli ritratti tax-xena tad-delitt.[29] Fir-rapport minn tagħhom jidher ċar id-dmija sa fejn kienet testendi – turija tal-fatt li **Zarb ġie segwit minn Debono** hekk kif kien għadda quddiem ir-residenza tal-imputat, kif ukoll hemm indikat kif mill-fond ta' Debono inġabru diversi mwies[30]. Fir-rapport jingħad *"it-taqtir kien jibqa sejjer matul l-isqaq il-Warda, jaqbez il-fond imsemmi bin-numru 21 u jieqaf ftit l-isfel mill-istess fond"*.[31]**WPS 293 Michelle Camilleri** ppreżentat r-relazzjoni kontenenti ritratti w teħid ta' kampjuni minn fuq il-persuna tal-imputat.[32] **PC732 Melvyn Galdes** kien l-uffiċjal li ġabar il-ħwejjeġ tal-vittma w tefagħhom f'post sigur sabiex eventwalment jingħabru mit-*team* forensiku [33] , filwaqt li **Marica Debono** ikkonfermat li kienet ġabret il-*belongings* tal-vittma u kienet għaddiethom lill-Pulizija.[34]

**Dr Marisa Cassar** ippreżentat ir-rapport tagħha [35] fejn spjegat l-analiżi li għamlet għall-preżenza ta' demm u DNA fuq il-kampjuni li ġew mgħoddija lilha. Dr Cassar ikkonfermat illi, *"kien hemm numru ta' profiles li kienu qablu ma' ta' Eamnuel…Numru ta' esebiti li kienu ngabru minn Sqaq il-Warda tal-Gharghur*

[23] Fol.329-330. Riprodott a fol.610-613
[24] Fol.331
[25] Fol.603-606
[26] Fol.660
[27] Fol.316
[28] **Dok.BB** a fol.319
[29] **Dok.AD** a fol.421 et seq
[30] Fol.427. Ritratti a fol.567-570
[31] Fol.423
[32] **Dok.MC** a fol.578 et seq
[33] Fol.645-646
[34] Fol.654
[35] **Dok.MC** a fol.359 et seq

*kienu kollha jaqblu ma' ta' Emanuel Zarb barra dawk imbaghad li kien hemm bermuda ta' lewn skur size 32 li kienu hwejjeg li minn fuq il-persuna ta' Raymond Debono ukoll hareg il-profil genetiku u li qabel ma' ta' Emanuel Zarb u ta' Raymond Zarb".*[36]

L-**Ispettur James Grech** li mar fuq il-post tad-delitt, issemmi kif meta staqsa ukoll lill-imputat jekk kellux xi sikkina sabiex jgħaddiha lill-pulizija, l-imputat baqa' sieket. Kien osserva li l-imputat kellu qata' friska fuq idu tax-xellug.[37]

L-ispettur **Keith Arnaud** jkompli jixħet dawl fuq ir-riżultanzi tal-investigazzjoni kondotta minnu. Jagħti dettalji importanti dwar fejn kienu jinsabu t-traċċi ta' dmija w cioe li dawn kienu l-isfel mid-dar ta' Debono; indikazzjoni ċara li Zarb kien ġa għadda minn quddiem ir-residenza tal-aggressur Debono meta dan ħebb għalih u xejjirlu daqqiet ta' mus. Arnaud jixhed *"Fl-isqaq stajt nara drops tad-demm li baqa sejjer safejn...residenza tal-imputat....però imbagħad innutajt ukoll li ftit zghira aktar l-isfel kien hemm xi drops oħra, iktar l-isfel mir-residenza kien hemm ftit drops oħra u dawn waqfu ftit metri l-isfel mit-residenza ta' Raymond Debono fejn kien hemm mhux ghadira imma kien hemm iktar minn qatra ta' demm li kienet aktar tispikka mill-qtar l-oħra li nnutajt ma tul isqaq u mill-pattern li rajt fhimt li* ***seta gara xi haġa fejn kien hemm l-iktar ammont ta' demm migmugh mal-art li hija ftit l-isfel mir-residenza ta' Raymond Debono****".*[38]

L-ispettur jispjega li mill-*footages* miġbura minn *cctvs* il-fuq w l-isfel mid-dar ta' Debono, il-Pulizija kellha stampa ċara ta' dak li seħħ. Fil-filmat Debono jidher liebes *shorts* u karkur b'żaqqu barra iżda meta ġie mitkellem mill-pulizija dan liebes flok. Arnaud jgħid li s-*shorts* li kien liebes Debono kien dak li jidher liebes fil-filmat "*shorts bil-bwiet fil-genb, bis-side pockets li qeghdin mal-qalza nghidilhom jien pockets li qeghdin mal-qalza nghidilhom jien tax-xorts jew qisu bermuda kien li kellu but kull naha, kien xorts skur u kien liebes ukoll karkur*"[39]. Meta l-Ispettur staqsa lil Debono fejn kien tefa' l-arma, Debono beda jgħid li ma xtaqx jitkellem u li ma kien ser jgħid xejn. Madanakollu, wara li saret tfittxija fir-residenza ta' Debono, ġew elevati tliet imwies. Aktar tard, Arnaud kien ġie infurmat li kienet nstabet sikkina oħra li din ġiet elevata u ppreservata ukoll.[40]
Minn wieħed mill-filmati li ġew elevati jidher l-imputat fuq l-għatba tal-bieb tiegħu sa' **nofs siegħa qabel seħħet l-aggressjoni fuq Zarb**. L-Ispettur seta' jinnota li l-imputat kien liebes *shorts* skur li kien simili għal dak li kien liebes meta ġie arrestat fir-residenza tiegħu. Aktar tard fil-filmat jidher għaddej Emmanuele Zarb mill-istess sqaq *"bil-pass mill-istess sqaq niezel 'l isfel...baqa'*

[36] Fol.668. Rapport **Dok.MCZ** a fol. 671 et seq
[37] Fol.325
[38] Fol.50-51
[39] Ibid.
[40] Fol.52

*niezel u qabeż il-bieb tar-residenza ......* ***Kif għadda ezatt Raymond Debono, jidher li baqa' jħares lejn l-imputat. Jidher jitbaxxa ftit, nizel minn fuq l-għatba, deher reaching out, jiggebbed lejn il-pocket tax-xorts li kien liebes fis-side pocket, possibilment jidher li kellu xi haga twila f'idejh, harigha mill-pocket tan-naha tal-lemin u mbaghad nizel l isfel***...". Ftit minuti wara fuq l-istess filmat, jidher il-vittma tiela bil-pass b'id waħda jżomm żaqqu fejn il-qmis n-naħa ta' żaqqu tidher kollha mċappas bid-demm. [41]

Minn filmat ieħor meħud minn CCTV camera oħra, ġiet maqbuda l-aggressjoni, fejn seta' jiġi nnotat l-imputat li kien "*b'żaqqu barra u bix-xorts... wieħed jista' jara mill-filmat li kellu xi haga f'idejh ghax hin minnhom anke dik ix-xi haga tidher* ***tleqq*** *fil-filmat u* ***jaghti kontinwament lill-vittma daqqiet go żaqqu u jidher il-vittma hin minnhom jaqa' mal-art u l-aggressur, l-imputat jerga' jmur fuqu u jkompli jaghtih iktar daqqiet***...".[42]

L-għada li seħħ l-attakk fuq Zarb, l-Ispettur kellmu fl-isptar Mater Dei, fejn dan stqarr li huwa kellu xi kwistjonijiet żgħar ma' kuġinuh fuq xi kera jew ċens tar-residenza ta' Debono però ġlied bejniethom qatt ma kien hemm. Zarb stqarr mal-ispettur li dakinhar huwa kien miexi mill-isqaq sabiex imur lejn ir-residenza ta' ibnu, lemaħ lill-imputat fil-bieb però Zarb jgħid li ma kellmux. Kif appena Zarb qabeż ir-residenza tal-imputat, semgħu jgħidlu "*lilek noqtlok, dawwar wiċċu u rah joħroġ is-sikkina minn ġol-but u bazikament ma tahx cans u baqa' jaggredih...*".[43]

Arnaud jikkonferma lil hu kien ha tliet stqarrijiet lill-imputat; waħda fid-19 ta' Settembru w tnejn oħra fl-20 ta' Settembru fejn għalkemm l-imputat irrakkonta xi kwistjonijiet li kien hemm bejnu w kuġinuh, żamm sieket meta ġie mistoqsi fuq l-każ.

Il-fatt li l-imputat baqa' sieket meta mistoqsi mit-tlett spetturi dwar l-aggressjoni tassumi importanza in kwantu meta jiġi ikkunsidrat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

[41] Fol.52-53
[42] Fol.53
[43] Ibid.

Stqarrijiet tal-Imputat

Arnaud esibixxa l-istqarrijiet meħuda lill-imputat,[44] li lkoll ġew traskritti[45]. Fl-ewwel stqarrija meħuda lill-imputat nhar id-19 ta' Settembru 2019[46] fit-3:15pm, jirrizulta li meta mistoqsi fuq l-aggressjoni, Debono ma jweġibx għad-domandi li bdew isirulu. Dak li Debono qal kien li hu kuġin ta' Zarb li kien imurlu wara l-bieb *"għaliex jiġi mal-bieb b'dik ir-raghwa?...sitt xhur, wara sitt xhur jerġa jiġi mmur l-ghassa għal xejn...Ilha ġejja, dahalli ġewwa. Dahalli gewwa tlett darbiet"*. Iżid li kellhom relazzjoni tajba tant li kien imur għandu, li hu bogħod żewġ minuti mixi. [47] Debono jsemmi li Zarb filli kien ikun ħbieb miegħek *"u x'hin ifettillu jiġi jrid joqtlok u b'halq rawha. Ghaliex? Dik nixtieq nistaqsi jien. Ghaliex? ... Dik nixtieq insaqsieha jien gol-Qorti...imma għaliex jien x'ghamiltlek?"*.[48] Kien jgħix fl-istess residenza minn mindu kien tifel mal-ġenituri tiegħu, liema fond kien b'kera ta' LM12 li kien iħallasha lil Zarb. Semma kif għamel "garanzija" kontra Zarb għaliex kien imur għandu bir-rawgħa f'ħalqu fejn kien jagħmel żmien ma jersaqx lejh, imbagħad jerga jmur b'rabja għalih qisu xi ħadd ikun tah l-*steam*. Dan gara *"kemm il-darba"*.[49] L-aħħar li mar kienu xi ħames xhur qabel *"Gie joffendini, jien ma nibżax minnek"* u għalkemm kien għamel rapporti kontrih l-għassa dak inhar ma għamilx. Arnaud isemmi li għamillu rapport fit-13 tax-xahar, ħamest ijiem qabel l-aggressjoni *"U l-ghada erġajt mort ghax rega gie"*.[50] Stqarr li Zarb kien f'diversi okkażjonijiet jmur fuqu, joffendieh u jinsulentah tant li ma beda jpoġġi l-kera l-Qorti biex jevitah. Jinsisti li għamel aktar minn rapport wieħed kontrih. Wara li ġie mitkellem mill-pulizija *"tawh l-steam iktar jiġi"* u saħaq li xtaq ikun jaf għaliex kien jagħmillu hekk biex is-sitwazzjoni tirranġa.[51] Semma kif il-kwistjoni bejniethom kienet dwar il-kera tal-fond fejn jgħix għaliex filwaqt li hu kien lest iħallas lil Zarb 100 Euro, Zarb ried 185 Euro. Qal ukoll li Zarb jheddu li joqtlu tant li kien jaħseb li xi darba ser joħroġ mid-dar u jaqla żewġ tiri.[52] Debono jistqarr li għalkemm ma jobgħodx lil Zarb kien urtat li dan ma riedx jaċċetta l-kera mingħandu.[53]

Debono jibda biex jiċħad li taha daqqiet b'mus lill-kuġinuh[54] u jisħaq li kuntent li dan jgħaddi minn quddiemu iżda, meta ikkonfrontat li fir-rapport li għamel mal-pulizija kif ukoll fl-ittra li ntbagħtet lil Zarb mill-avukat tiegħu, jintwera kif

[44] **Dok.KA3** a fol.70
[45] **Dok.KV** u **Dok.KV1** a fol.92 et seq u 115 et seq rispettivament
[46] Fol.92 et seq
[47] Fol.95
[48] Fol.95-96
[49] Fol.98
[50] Fol.99
[51] Fol.100
[52] Fol.106
[53] Fol.107
[54] Fol.109

hu ma riedux jgħaddi minn quddiem daru w jammetti li dan kien biex Zarb *"ma jtinnix fastidju"* għaliex dan kien jgħaddi b'ħafna rawgħa f'ħalqu.[55] Imbagħad jasal jiċħad li rah propju fil-jum li ġie aggredit minnu stess ***"Le ma rajtux jien"***[56]. Dikjarazzjoni insensata għall-aħħar meta l-imputat jidher jaggredixxi lil Zarb. Jikkonferma li l-sqaq fejn jgħix isservi ta' *short cut* biex Zarb jgħaddi għad-dar ta' ibnu.[57] Jammetti li **fil-jum tal-aggressjoni Zarb *"ma ġiex ihabbatli".*[58]** Dwar l-aggressjoni tiegħu fuq Zarb, l-imputat ma jagħti l-ebda tweġiba.[59]

Minn din l-istqarrija jidher biċ-ċar li dakinhar **Zarb ma kien għamillu assolutament xejn**, mhux kif jikkontendi meta jixhed *viva voce* fejn quddiem il-qorti jixhed li indanna għaliex Zarb beda "jomħot" kif għadda minn quddiemu. Għaldaqstant diġà toħroġ diverġenza bejn dak li qal *a tempo vergine* u dak li jixhed *viva voce*.

Fit-tieni stqarrija li ttieħdet lill-imputat nhar l-20 ta' Settembru 2019,[60] Debono għal darb'oħra jidher li għażel it-triq li ma jweġibx għad-domandi li bdew isirulu jew addirittura jinnega dak li kien qiegħed jiġi mistoqsi. Meta Debono ġie muri l-filmat u mistoqsi fuqu, ikkonferma li r-raġel li deher fil-filmat kien ***"Jien".*[61]** Jirrizulta li f'nofs it-tieni stqarrija l-imputat għażel li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu w għalhekk l-istqarrija tiegħu ġiet sospiża. Aktar tard propju fil-11:10am, tkompliet l-istqarrija tal-imputat fejn għal darb'oħra għażel li ma jweġibx għad-domandi li bdew isirulu minkejja li beda jiġi ikkonfrontat bir-ritratti u l-filmati tal-inċident.

*CCTV Footage* u Ritratti

Il-Qorti analizzat sensiela ta' ritratti li ġew esibiti mill-Ispettur Arnaud li juru propju dak li iddeskriva l-Ispettur fix-xhieda tiegħu.

Dawn ir-ritratti ttieħdu minn filmati ta' *cctv cameras* li nġabru mill-Pulizija. Fil-fatt **PC965 Maverick Camilleri** jixhed li meta wasal fuq il-post tal-*stabbing* il-vittma kien qed jittieħed bl-ambulanza. Innota roqgħa ta' likwidu aħmar, suspettat demm, liema taqtir ta' likwidu aħmar baqa' sejjer għal ġol-isqaq. Ix-xhud jgħid li huma mxew mat-taqtir sakemm eventwalment kien hemm roqgħa demm oħra fejn waqaf it-taqtir. Camilleri ra li l-imputat kien qiegħed jiġi

[55] Fol.109-110
[56] Fol.111
[57] Fol.111
[58] Fol.112
[59] Fol.113-114
[60] Fol.115
[61] Fol.118

miżmum mill-Pulizija fil-bieb tar-residenza tiegħu. Ftit 'l fuq mir-residenza ta' Debono kien hemm residenza li kellha l-*cameras* installati mal-faċċata fejn, wara li ra il-filmati flimkien mal-kollegi tiegħu, setgħu jaraw dak li kien gara. Camilleri jkompli jispjega li fil-filmat deher *"persuna anzjana niezla 'l isfel fl-imsemmi sqaq u Raymond Debono fil-bieb. Malli l-persuna ghaddiet, ftit sekondi wara hareg Raymond Debono warajh. U mbaghad jidher Raymond Debono jerga jidhol fir-residenza u ftit wara naraw lil dan l-anzjan tiela jzomm zaqqu."*[62] **PS 512 Josef Gerada** jikkorobora x-xiehda tal-kollega PC965 u jispjega kif wara li analizzaw *footage* elevat minn *cameras,* lemħu lill-vittma nieżel mill-isqaq, fejn deher għaddej minn quddiem ir-residenza ta' Raymond Debono.[63] Fl-għatba tal-bieb kien hemm Debono li **kif appena l-vittma qabeż ir-residenza tiegħu, Debono ħareġ għal warajh**. Ftit tal-ħin wara deher il-vittma jżomm żaqqu w Debono jerga jmur lejn ir-residenza tiegħu.[64]

Fl-ewwel sett ta' ritratti mmarkati **Dok.KA**[65] ritratti nru. 1 u 2[66] fit-18 ta' Settembru 2019 (<u>18:03:22 u 18:07:25</u> rispettivament), jidher l-imputat viċin bieb ta' residenza, b'żaqqu barra u liebes *shorts* skur u qorq. Ritratt nru. 3[67] (18:07:26) juri l-imputat fuq l-għatba ta' bieb biex fir-ritratt nru. 4[68] (18:08:02) jintlemaħ l-imputat għadu fuq l-għatba tal-bieb u persuna oħra maskili liebes qmis bajda miexi lejn id-direzzjoni tal-imputat, liema persuna hija <u>Emanuel Zarb</u>. F'ritratt nru.5[69] (**18:08:09) l-imputat deher qiegħed iħares fiss fid-direzzjoni tal-vittma, filwaqt li l-vittma jidher għaddej minn quddiem l-imputat**. F'ritratt numru 6[70] (18:08:13) l-imputat jidher **iħares fid-direzzjoni li għadda Zarb**. F'ritratti numri 7 u 8[71] rispettivament, l-imputat jidher qiegħed jitbaxxa w **iħares dritt lejn id-direzzjoni li ha Zarb, biex imbagħad fir-ritratti 9 u 10 (18:08:22), l-imputat jidher qiegħed jidritta *in an upright position* u miexi lejn id-direzzjoni fejn għadda Zarb.** F'ritratt numru 10 b'mod partikolari, l-imputat jidher li qiegħed **iżomm oġġett rqiq f'idu l-leminija**.[72] Fir-ritratti numru 11 u 12[73](18:09:25 u 18:09:26), jidher l-vittma u cioe' Emanuele Zarb għaddej bil-mixi, jżomm żaqqu b'idu x-xellugija w bil-qmis imċappsa bid-demm.

---

[62] Fol.620-621
[63] Fol.623-624
[64] Fol.624-625
[65] Fol.56-61
[66] Fol.56
[67] Fol.57
[68] Ibid.
[69] Fol.58
[70] Ibid.
[71] Fol.59
[72] Fol.60
[73] Fol.61

Minn sett ta' ritratti mmarkati **Dok.KA1**[74], tidher l-aggressjoni ta' Debono fuq Zarb. Fir-ritratti numri 1A u 2A[75] (17:42:38 u 17:42:39) jidher l-**imputat jżomm lill-vittma b'idu x-xellugija filwaqt illi idu l-leminija tidher mitfugħa lura b'dana illi imbagħad idu tagħmel kuntatti f'żaqq il-vittma fuq in-naħa tax-xellug, f'dak li jidher bħala *stabbing movements*.**

Il-Qorti tosserva li l-ħin f'dawn l-*stills* ma jaqbilx ma ta' dawk li ġew esibiti bħala **Dok.KA**. Ir-raġuni għal dan hu li l-ħin tal-*cameras* ma kienx jikkorrispondi mar-*real time*; fatt li jiġi konfermat mill-espert **Keith Cutajar** fejn fir-rapport tiegħu jiddikjara li l-filmat meħud minn Sqaq il-Warda, Camera 1, kellu l-ħin li kien 27 minuta l-quddiem (minn *real time*).[76]

Fir-ritratti numru 3A u 4A[77], il-Qorti setgħet tosserva lill-i**mputat jippersisti billi jżomm lil Zarb mal-ħajt hu w jagħti b'idu l-leminija, filwaqt illi Zarb jidher jipprova jilqa' d-daqqa** li mill-provi rriżulta saret bi strument bil-ponta w li jaqta'. Ir-ritratti numri 5A u 6A[78], juru li **wara l-vittma waqa' mal-art Debono baqa' jaggredih**.

F'ritratti 7A u 8A[79] għal darb' oħra jidhru l-imputat u l-vittma, bil-vittma issa qam minn mal-art iżda jidher li qiegħed iżomm żaqqu b'idu x-xellugija filwaqt li baqa' jipprova jiddefendi lilu nnifsu mill-attakk ta' Debono. F'dawn iż-żewġ ritratti, deher ukoll raġel li javviċina liż-żewġt irġiel waqt li kien qeghdin maqbudin fl-aggressjoni. Mill-provi jirrizulta li dan kien Mikiel Xerri.

It-tielet sett ta' ritratti ppreżentati mill-Ispettur Arnaud u mmarkati **Dok.KA2,**[80] juru *close up* ta' xeni maqbuda fl-*stills* esibiti bħala **Dok.KA1,** fejn senjatament mir-ritratti nru. 6C[81] u 7C[82], il-Qorti faċilment tara l-vittma mal-art b**l-imputat b'oġġett, f'għamla ta' sikkina żgħira tleqq f'idu l-leminija.**

F'dawn ir-ritratti, u mhux anqas mill-filmat esibit, jidher **Zarb fil-ħin li qed jinżamm marsus mal-ħajt mill-imputat filwaqt li l-istess imputat jagħtih numru ta' daqqiet, l-ewwel fil-parti ta' fuq, lejn sidru**[83] **imbagħad taħt żaqqu**.[84] Meta **Zarb hu mal-art Debono jidher fuqu jixxuttjah** b'siequ filwaqt

[74] Fol.62-65
[75] Ibid.
[76] Fol.235
[77] Fol.63
[78] Fol.64
[79] Fol.65
[80] Fol.66
[81] Fol.68
[82] Fol.69
[83] Fol.66
[84] Fol.67

li l-oġġett ileqq għadu jinżamm f'idu l-leminija.[85] Xena li tikkorobora bi sħiħ it-testimonjanza ta' Emmanuele Zarb.

Fir-rapport ta' **Keith Cutajar,** l-għemil brutali w maħsub tal-imputat joħroġ iżjed fid-deher tenut kont li l-espert jirnexxielu jkabbar ritratti li juru preċiżament lill-imputat, li f'idu l-leminija jidher iżomm oġġett twil, jagħti daqqiet bla ħniena lil Zarb. Dan wara li qabel l-aggressjoni l-imputat l-ewwel jidher miexi fit-triq[86] u wara jidher fil-bieb jistenna.[87] Waqt li l-aggressjoni hi maqbuda minn *camera* li kellha 27 minuta l-quddiem mill-ħin reali biex b'hekk jidher li sa minn ħames minuti qabel (**18:03**:**27**),[88] l-imputat kien qed jitlajja quddiem biebu u kif appena fis-18:08 jgħaddi minn quddiem biebu Zarb – li fl-ebda ħin ma jidher iħares lejh – Debono **dan dlonk ibiddel id-direzzjoni tiegħu, jinżel minn fuq l-għatba ta' biebu w imur vleġġa għal warajh!**[89]

Dan jikkoroboraw wkoll l-ewwel verżjoni li Zarb taha lill-espert **Perit Richard Aquilina** fejn semma kif hekk kif għadda minn quddiem bieb Debono *"kien fil-bieb u qal xi diskors li kien bhal botta....**Wara li hu, (Emanuel) kien qabeż il-bieb tiegħu, dak mar warajh u qallu "Noqtlok", hareg mus mill-but tal-lemina, beda jxejru lejh u laqtu f'idu xellug u fuq zaqqu"**.*[90]Qatt qabel dakinhar ma kien ġie mhedded mill-imputat u dan juri li Zarb ma qagħadx ifittex biex iżejjen l-istorja tiegħu.

Tajjeb jingħad mal-Perit Aquilina, Zarb ma jsemmi xejn dwar li kien sejjer itella' l-ħasira tal-bieb t'ibnu iżda li kien sejjer jara lin-neputih.[91] Jibqa' l-fatt li din id-diverġenza f'dawn id-dettalji, liema dettalji ma jeskludux lil xulxin, ma tista' qatt tbiddel dak li attwalment seħħ meta Zarb għadda minn quddiem l-imputat li kien fuq l-għatba w aggredih meta nifdu diversi drabi b'mus!

Minn *stills* maħruġa minn camera fi Triq Katerina Sammut, liema *cameras* kellhom il-ħin tagħhom sinkronizzat ma dak reali, f'*Camera 3* fl-17:15:22 hrs jidher l-imputat liebes *t-shirt* blu, *shorts* skur w karkur għaddej mill-sqaq.[92] Fuq l-istess *camera* fil-17:42:35 fil-bogħod jidhru żewġ persuni b'ilbies li jaqbel m dawk tal-vittma w l-imputat f'distanza ravviċinata, jissaraw[93] fejn wara li r-ritratt jiġi *zoomed in* jidher **l-imputat jattakka lill-vittma li hu marsus mal-ħajt**

---

[85] Fol.68-69
[86] Fol.183
[87] **Dok.KA** fol.56-57
[88] Fol.56
[89] Fol.58-60
[90] Fol.298-299
[91] Fol.314
[92] Fol.183 Ritratt 18
[93] Ritratti 34-39 a fol.199-204

**tal-sqaq b'movimenti b'idejh il-leminija lejn żaqqu.**[94]**Strument ileqq jidher f'id il-leminija waqt li l-vittma jipprova jimbottah lura.**[95] Marki ta' tiċpis jidhru fuq il-qmis tal-vittma.[96] Wara li l-vittma hu mixħut mal-art jidher **l-imputat f'attakk frenetiku iballatlu bis-sieq waqt li l-vittma jipprova jilqa' l-swat.**[97] Fil-ħin kollu tal-attakk l-imputat jidher bla flokk li kien liebes xi nofs siegħa qabel.[98] Immaġini li titkellem volumi dwar l-intenzjoni w l-karattru ta' Debono li baqa kompost fejn, minkejja li qed jara lil Zarb midrub, jitlaq minn fuq il-post iħares lejh mingħajr ma jgħinu.[99]

Minn *camera* li kienet tinsab fi Sqaq il-Warda u li kellha l-ħin tagħha 27 minuta l-quddiem mill-ħin reali, turi kif fil-ħin tal-*cctv* 18:08:01 jidher dieħel fl-isqaq Zarb[100] fejn minuta wara, fil-18:09:26, jidher tiela lura iżomm żaqqu b'tiċpis ħamrani fid-deher[101]. Dan juri l-premeditazzjoni tal-azzjoni ta' Debono li żvolġiet f'sekondi.

L-imputat **Raymond Debono** għażel li jixhed u beda biex jispjega kif ilu jgħix il-Għargħur minn ċkunitu, fejn kien jgħix flimkien ma' ommu, missieru u erba' ħutu. Il-post li jgħix fih Debono huwa nofs tal-familja tiegħu w in-nofs l-ieħor huwa propjetà tal-familja ta' kuġinuh u dwaru hemm kwistjoni ma Zarb.[102] Id-dizgwid ma Zarb kien ilu għaddej snin fejn saħansitra jallega li Zarb kien isawwat lil ommu (omm Debono). Ikompli li wara l-mewt t'ommu fl-2003 kien imur jagħmel rapport l-għassa kull meta Zarb kien jagħmillu xi haġa, fejn kien jispjegalhom li Zarb kien jobżoqlu, jgħajjru w joffendieh.[103] Ir-rapporti li esibixxa Zarb madanakollu juru li qatt ma ġie skambjat kliem, *multo magis* li qatt sar xi tgħajjir minn Zarb.[104]

Debono esibixxa tlett rapporti[105] kif ukoll dak li l-imputat isejjaħ bħala garanzija magħmulha lil Zarb fl-2012.[106] Minbarra r-rapport magħmul sitt ijiem qabel l-inċident, iż-żewġ rapporti l-oħra saru wara l-istess każ fejn madanakollu toħroġ fid-deher l-ossessjoni tal-imputat fuq Zarb, fejn ilmenta mill-fatt li Zarb beda

[94] Fol.203
[95] Fol.205
[96] Fol.207 u fol.216
[97] Fol.209-210
[98] Fol.183
[99] Fol.212
[100] Ritratt 104 a fol.269
[101] Fol.271
[102] Fol.793-794
[103] Fol.794-795
[104] Vide rapporti esibiti **Dok.RD** a fol. 800 et seq
[105] **Dok.RD** a fol.800 et seq. Konfermati minn PC 2106 Axiak u PC2141 Cutajar a fol.814 et seq
[106] **Dok.RD1** a fol.810

jisgħol meta rah u mexa wara l-karozza tiegħu.[107] Inċidenti oħra li għamel rapport dwarhom huma li skond hu Zarb kien jobżoq lejn id-direzzjoni tiegħu iżda qatt ma laqtu.[108]

Dakinhar tal-aggressjoni Debono jgħid li kien fil-bieb jistenna l-qattus w ra lil Zarb li għamel ġest li ser "jomħot" u ***"Intlift minn sensija....kont mitluf minn sensija"*** tant li lil Mikiel Xerri, li kien mar ħdejhom, lanqas biss rah.[109]

Tajjeb jiġi mfakkar li fl-istqarrija tiegħu l-imputat ma jagħmel <u>l-ebda riferenza għal xi provokazzjoni da parti ta' Zarb</u>, anzi jgħid li dakinhar ma kienx mar iħabbatlu, *"ma ġiex ihabbatli"*,[110] w daqstant ieħor ma jsemmi li lemaħ lil Zarb "jomħot"! Lanqas ma semma <u>qtates</u> f'xi waħda mit-tlett stqarrijiet li taha.

Mix-xiehda tiegħu jidher manifest kemm l-imputat kien irrabjat għall-fatt li kien ser jispiċċa mkeċċi minn dik li kienet dar tfulitu, fejn trabba ma familtu. Jispjega dak li seħħ dakinhar li Zarb safa ferut: *"Jien kont qed nistenna l-qattus fuq din in-naha fuq in-naha tax-xellug ghax il-qattus kien jiġi min hemm u hu gie minn naha tal-lemin, u ma nistax nigdeb hu ha nghidlek x'kien qed jigri dan l-ahhar kien ezempju daqqa nohrog nixtri naghmel tlett seighat jew siegha daqqa nohrog il-bahar kuljum kif nohrog ma niltaqax mieghu kif nidhol niltaqgha mieghu. Quddiem il-knisja hemm bank kien joqghod jistennini hemm jekk naghmel tlett sieghat satejn kif jara li qed nfittex parking joqghod diehel u hireg mil-isqaq ghal-provokazzjoni."* Ix-xiehda tal-imputat timmanifesta li dak li seħħ ma seħħx wara provokazzjoni iżda seħħ bi **tpattija w ritaljazzjoni**! Fil-fatt Debono jiddikjara li jiddispjaċih għal dak li seħħ u *"Jien qatt ma ridt naghmel dak li ghamilt heq imma **ma flahtx izjed giet dalma fuqi** kif jghid il-proverbju il-garra gejja u sejra fl-ahhar tinkiser. Jien x'hin kont immur l-ghassa kuljum kont immur kienu jghiduli mhux veru gieli fimtni dik hi l-verita u hemm Dicembru hemm 2002 hemm l-garanzija ta' Dr. Anglu Farrugia".*[111]

L-aħħar rapport li għamel fil-konfront ta' Zarb nhar it-13 ta' Settembru, 2022[112] jurih bħala persuna urtata bil-fatt li fil-jum ta' qabel, għall-istess ħin ta bejn il-17:00 u 18:30, Zarb għadda mill-isqaq. Jiġi mfakkar li *stills* juru li fil-jum li attakka lil Zarb l-imputat <u>kien qiegħed ġa fl-sqaq **sa mill-17:15**[113] u minuti wara jidher fuq l-għatba iħares il-fuq</u>. Appena Zarb għadda minn quddiemu, kien pront jinfexx f'attakk bla ħniena billi fajjarlu daqqiet ta' mus. Baqa' ma deher ebda qattus la qabel u lanqas wara! **Debono kien fuq l-għatba jistenna lil Zarb**

[107] Fol.804
[108] Fol.808
[109] Fol.796
[110] Fol.112
[111] Fol.798
[112] Konfermat minn WPC106 Axiak a fol.814-815
[113] Fol.183 Ritratt 18

u mhux xi qattus. Hu ovvju li għall-imputat, u għal xi raġuni li jaf hu biss, Zarb ma kellux jgħaddi minn dak l-sqaq. Kien għalhekk li ħareġ sentinel fuq l-għatba biex jiżgura ruħu li Zarb ma jgħaddix u jekk jgħaddi jkun hemm konsegwenzi, kif fil-fatt seħħ.

Jikkonferma li dakinhar għalkemm ma tkellmux, ħarsu bl-ikrah lejn xulxin *"Jiena ma nixtiqux jghaddili minn hemm"*[114]; sqaq frekwentat mill-pubbliku in ġenerali kif jixhdu id-diversi filmati li juru l-isqaq bħala trejqa ffrekwentata sew. Tajjeb jingħad li ma nġabet l-ebda prova li Zarb kien tassew ġie projbit milli jgħaddi minn dak l-isqaq, iżda kollox jindika li din kienet biss xewqa tal-imputat li madanakollu qatt ma ssarrfet f'xi projbizzjoni simili għal Zarb. L-ittra legali li skond hu intbagħtet lil Zarb biex ma jgħaddix mill-sqaq ma tgħid xejn minn dan iżda permezz tagħha Zarb ġie interpellat seba' snin qabel il-każ odjern sabiex ma jkellimx, javviċinax jew jimmolesta lill-imputat.[115] Għaldaqstant il-fatt li Zarb baqa' jgħaddi mill-sqaq ma setgħet qatt titqies bħala att provokatorju.

Il-verżjoni tal-imputat m'għandhiex mis-sewwa. Filwaqt li kif intqal mir-ritratti u mill-filmati - li nqabdu minn tlett *cameras* differenti - ma jidher l-ebda qattus, dak li rriżulta minflok hu li minn nofsiegħa qabel (17:15:22 fuq *Camera 3)* Debono kien ġa fl-sqaq[116] biex ftit wara fil-17:42:35 Zarb kien qed jiġi aggredit mill-imputat ftit l-isfel mir-residenza tal-imputat, mill-għatba li kien qed jistenna fuqha l-imputat. Konsegwentement minn hawn jirrizulta li kien **Debono li segwa lil Zarb** u fl-ebda ħin ma jidher li Zarb ipprova javviċinah!

Tajjeb jingħad li mill-filmat **fl-ebda ħin ma jidher li Zarb idawwar ħarstu** lejn l-imputat u lanqas li għamel xi **mossa** simili bħal ma jiddeskrivi Debono u cioe li kien ser "jomħot", xi ħaġa li tissemma l-ewwel darba fix-xiehda *viva voce* u mhux f'xi stqarrija li rrilaxxa.

L-imputat jiddikjara li Zarb kien jipprovokah iżda fi kliemu dan seħħ f' Marzu 2020, u Lulju 2021[117] – inċidenti li seħħew wara l-aggressjoni w għalhekk qatt ma jistgħu jitqiesu bħala atti ta' provokazzjoni li xprunaw l-imsemmija aggressjoni!

Debono jisħaq li żamm il-mus fuqu għaliex kien imur fl-egħlieqi w jimlew l-ixkejjer biex jaqtaw l-ispag tal-murtali għalkemm ma nġabitx farka ta' prova li dakinhar kien f' xi għalqa jew kien qed jaħdem in-nar jew xi xogħol ieħor li kien

[114] Fol.802
[115] **Dok.RD1** a fol.810
[116] Fol.183 Ritratt 18
[117] Fol.797

jirrikjedi li jġorr mus fuqu. Għalhekk ma nġabet l-ebda raġuni li għandha mis-sewwa għaliex fil-5pm meta suppost, skond hu, qed jistenna l-qattus jasal, kellu għalfejn iżomm mus fuqu! Aktar jagħmel sens li malli reġa' rah għaddej minn sqaq li skond hu kien projbit milli jgħaddi minnu, dan tant indanna li ħebb għalih!

Kif ġa saret riferenza aktar il-fuq, il-post fejn instabet id-dmija tagħti l-istorja tagħha. Mill-*footage* jidher Debono kien fil-bieb jistenna, filwaqt li l-qtar tad-demm nstabu aktar l-isfel mir-residenza ta Debono. Dan jimmanifesta l-fatt li **Zarb kien laħaq skorra l-bieb ta' Debono w baqa' miexi l-isfel fit-triq** meta Debono reħilha għal warajh bil-mus. Dawn il-fatti indubbitati ixxejjnu għal kollox it-teżi tal-imputat li dak li seħħ kien sforz ta' provokazzjoni. Kien Debono li nieżel għal wara Zarb hekk kif rah għaddej minn quddiem biebu fejn nifdu bil-mus għall-bosta drabi f'sidru w f'zaqqu!

L-ewwel Imputazzjoni

*In-natura tal-Ġrieħi*

L-espert mediku **Lt. Col. Dr. Peter Paul Vassallo,** li eżamina lil Zarb, xehed li meta eżamina l-vittma dan kien fuq l-*operating table*, fejn innota li dan kellu "*parti mill-musrana iz zghira barra minn zaqqu b tal anqas toqba wahda gewwa il musrana li kienet qiegħed tnixxi il kontenut tal musrana. Sa dan it tant kelli xi feriti oħra ukoll wahda minnhom kienet twila kwazi pulzier, xi 2.5cm fuq in naħa, fl id ix xelluga fuq in naħa medjali ghal hawn hekk… kellu id fil pala forma tal ittra L ferita bhala li kienet centimetru b centimetru u nofs barra minn dawn kellu ukoll ferita oħra wiesa xi pulzier u f'dak li insejhulu left…region*"[118]. Vassallo jkompli li l-vittma "*kellu ferita oħra wiesa xi pulzier fir regun illi insejhulu…dan ir reggun jiġi ezatt taht il kaxxa ta sider lejn in nofs dawn huma feriti kompatibbli ma strument li jaqta u li fih min tal inqas wiesa ta xi pulzier kif jidher min dawn il feriti*"[119].

Vassallo ippreżenta r-rapport tiegħu[120] filwaqt li spjega li Emmanuele Zarb kien sofra minn diversi feriti fuq persuntu li "*huma* ***kompatibbli ma' daqqiet kaġunati minn strument li jaqta' u bil-ponta u dawn irrekjedew interventi kirurġiċi sabiex ifiqu u li kienu ta' natura gravi*** *skond il-kodici kriminali.*"[121] Iżid li meta eżamina lil Zarb waqt li kien fuq il-mejda tal-operazzjoni, sab li kellu ferita wiesgħa madwar 2.5 ċentimetri fil-*left infra clavicular region*, li jiġi fuq in-naħa tax-xellug taħt il-*clavicle,* filwaqt li kien hemm ferita oħra "*more or less l-*

[118] Fol. 347-348
[119] Ibid.
[120] **Dok.PPV** a fol.389 et seq
[121] Fol.384

*istess daqs, 2.5cms, dak li nsejjhulu sub xyfoil region jigifieri fin-nofs that ezatt il-kaxxa tas-sider. Imbaghad kien hemm ferita oħra fiz-zaqq illi ikkagunat li harget il-musrana z-zghira, loops of small bowel u kien hemm tal-inqas toqba wahda fil-musrana wkoll u kien qed jillikja l-kontenut, il-materjal mill-musrana…Imbaghad kien hemm feriti oħra fl-id ix-xellugija fil-pala tal-id, medial aspect u l-oħra kienet forma ta' 'L' fil-pala tal-id minnha nnifisha. 'L' kienet tifforma ovvjament il-horizontal u l-vertical, il-vertikali kien xi 1cm u l-orrizzontali kien xi 1.5cms."*[122]

Vassallo eżamina wkoll lill-imputat ġewwa l-*lock up* fejn innota li dan beda jirtogħod. Debono kellu ġerħa fuq il-*forearm* tal-id ix-xellugija ta' ċirca ċentimetru filwaqt illi fin-naħa tad-driegħ il-leminija kien hemm ferita oħra li kien fiha xi 3.4 jew 3.5 ċentimetri kif ukoll xi tbenġil warajha. Itemm ix-xiehda tiegħu b'osservazzjoni importanti; meta eżamina lil Debono dan kien anzjuż iżda mhux taħt *shock*.[123] Fir-rapport minn tiegħu Dr. Vassallo ikkonkluda li diversi kienu l-feriti mġarrba minn Zarb, liema feriti kienu kompatibbli ma' daqqiet ikkaġunati minn strument li jaqta u bil-ponta. Dawn il-ġrieħi **rrikjedew interventi kirurġiċi** sabiex ifiqu biex b'hekk ikklassifikhom bħala ta' **natura gravi.**[124]

**Dr. Mario Scerri**[125]**,** espert mediku nkarigat mill-Qorti, spjega kif mill-*medical file* ta' Zarb instab li dan kien sofra ferita fuq il-*left upper quadrine* taż-żaqq u li minnha kien hemm ***evisceration* tal-musrana ż-żgħira**, billi ħarġitlu l-musrana barra. Din il-ferita kienet kompatibbli ma ***stab wound*** magħmula minn strument li jaqta u bil-ponta. Il-*medical file* wera li l-kirurgu iddeċidiet li tagħmel *emergency exploration* fejn ġie konfermat li l-**imsaren kienu mtaqqbin minn żewġ postijiet** u kien ħiereġ il-materjal fiż-żaqq.

Dr. Scerri ikompli, *"Operat u ghamlet sew, ovvjament ghamlitlu incision oħra u rizultat ta' dan, dana baqa' bl-istab wounds li kellu f'zaqqu, kellu incizzjoni oħra rizultat tas-surgical incision li sariltu u mbaghad fuq sidru kellu marka oħra li qal li ntlaqat b'sikkina fuq sidru pero' dik ta' natura hafifa peress li ma ppenetratx il-kavita' toracika. Il-lezjoni li kellu fuq sidru, fuq in-naħa tax-xellug tas-sider ma kinetx iktar fondabbli, kienet weisgha, allura kklassifikata bhala incizzjoni, ma ppenetratx it-torasic cavity. Il-lezjoni l-perikoluza biex nghid hekk kienet tal-abdomen illi ppenetrat l-abdominal cavity u taqbed minn zewg postijiet l-imsaren. Ried jiġi operat bilfors ghaliex inkella certament kien imut b'xi peritonite. L-operazzjoni irnexxiet, baqa' tajjeb u baqa' b'sahhtu u* ***permanentement ma hemmx xi konsegwenzi fuq il-funzjoni".***[126] Ix-

[122] Fol.385
[123] Fol.386
[124] Fol.398
[125] Fol.716
[126] Fol.717

xhud ikkonferma li għalkemm Zarb ħareġ mill-isptar wara sitt ijiem, kellu bżonn madwar sitt ġimghat sabiex ifiq kompletament.[127]

Mir-ritratti esibiti mit-tabib Scerri, il-Qorti setgħet tosserva ukoll li sentejn mid-data tal-inċident għal meta ġie eżaminat mit-tabib, xorta waħda jiġi nnotat *scar tissue* li baqgħu viżibbli b'mod ċar.

Fir-rapport tiegħu, Dr. Scerri jikkonkludi illi f'riżultat tal-inċident li seħħ fit-18 ta' Settembru 2019, il-vittma Emanuel Zarb sofra *"ferita fuq il-left lower quadrant taż-żaqq, li minnha kien hemm evisceration tal-ismall bowel. ....ma kienx hemm evidenza t'intraperitoneal fluid u kien hemm zewg perforazzjonijiet zghar tal-bowel li gew suturati; Illi c-cikatrici fuq is-sider tal-vittma, kienet b'rizultat ta'* ***incizjoni maghmulha minn strument li jaqta' u bil-ponta*** *li iżda ma ppenetrax il-kavita' toracika u ghalhekk klassifikata bhala lezjoni ta'* ***natura hafifa****".*[128]Dwar il-leżjoni fuq in-naħa tax-xellug taż-żaqq, din **ippenetrat l-*abdominal cavity*** u nvolviet l-imsaren u għalhekk hija *"klassifikata bħala leżjoni ta'* ***natura gravi".***[129]

Dawn ir-riżultanzi jsibu konferma mill-**Konsultent Kirurgu Ms. Angela Sultana** li xehdet li eżaminat lil Zarb hekk kif idaħħal l-emerġenza u ġie *stabilised, "Meta ezaminajtu kellu xi feriti f'zaqqu u fin-naħa l-parti ta' isfel. ...... kellu feriti kollha on the left, ferita on the lower chest u kellu tnejn oħra fin-naħa tax-xellug ta' zaqqu u l-oħra hdejn iz-zokkra u kellu wkoll xi feriti f'idejh tax-xellug. Kellu il-ferita aktar l isfel fuq in-naħa tax-xellug kellu l-musrana z-zghira hierga u bdiet tillikja l-kontenut tal-musrana z-zghira, jkun likwidu. ..... l-musrana z-zghira kienet hierga minn zaqqu, kellha nnizluh it-theatre biex noperawh. Hawnekk ghandi kopja tal-operation note u tiddeskrivi wkoll il-feriti li kellu. Hawnekk fin-naħa ta' fuq taht din l-ghadma, il-clavical,* ***left clavical kellu ferita 3 cms long, kienet a clean cut incision****. Fil-lower chest on the left ukoll fuq in-naħa tax-xellug* ***kellu ferita oħra li jien indikajtha AB u kienet hames ċentimetri minn nofs tibda jifigieri 5 cms to the left tibda din il-ferita u kienet l-istess qisha xi 3 cms long****. Imbaghad kellu ferita oħra iktar* ***l isfel miz-zokkra on the left li kienet 6 cms u qed tippenetra ovvjament l-entire thickness tal-abdominal wall ghax il-musrana z-zghira kienet hierga minnha u minn din il-parti tal-musrana li kienet fuq żaqqu*** [vide ritratt a fol.395] ***kien hemm zewg toqbiet fil-musrana, jigifieri kienet ittaqbet. Kellu wkoll ferita oħra zghira, 2cms hdejn iz-zokkra****. Imbaghad ftahna z-zaqq biex dik il-musrana li kienet fuq barra dahhalniha fuq gewwa u hit il-musrana fejn kien hemm it-toqbiet biex ma jibqax jillikja l-kontenut tal-musrana. Hsilna kollox sew hemm gew, hallejt drain ovvjament wara injury bhal dik biex just in case fejn issewwi tkun taf. Kollox kien stabbli, ergajt ghalaqt u kellu skin clips u mbaghad kellu l-feriti li kellu fuq idejh in-naħa tax-xellug ukoll li kienu dawn li ser nghidlek. Kellu* ***wahda fir-***

[127] Fol.718
[128] Fol.732
[129] Fol.733

***wrist***, *3cms superficjali imma il-ferita li kellu fuq ir-wrist ma kinetx qed taffetwalu t-tendons jew in-nervituri ghax meta ezaminajnih kien jista' icaqlaq idejh sew u ma kienx hemm loss of sensation u kellu ferita fuq din in-naħa nghidulha [recte: hypothenar eminence] 3cms ukoll. Ma affetwat xejn ghalaqniha u kellu* ***oħra fuq is-subghajh tac-curkett*** *on the left, 1cm u l-istess hetniha. Wara l-operation ittiehed is-sala, post of recovery tiegħu kienet smooth u hu dahal fit-18 u fl-24 ta' Settembru kien illicenzjat mill-isptar, tal-istess xahar"*[130].

**Dr. James Borg** ukoll kien eżamina lil Zarb meta iddaħħal l-isptar. Sab li Zarb *"20cm wound over the external area, 2cm wound on the left fractural area,* ***1cm stab wound laceration of wrist, 2 cm laceration****……….stab wound".*[131] Dr. Borg jikkonferma li sussegwentement Zarb instab li sofra *laceration of the intestine.* Minħabba n-natura tal-ġrieħi, il-vittma kellu jittieħed l-*operating theatre* peress li kellu l-imsaren ħerġin mill-ferita ta' żaqqu. Dr. Borg kkonferma ukoll li l-griehi kienu ***"life threatening***".[132]

It-tpinġija fuq l-*Operation Report Sheet* turi id-daqqiet diversi li sofra Zarb.[133]M'hemmx dubbju li dawn id-daqqiet estendew mill-idejn, fil-pala tal-id u fuq il-polz, għall-sidru u għal żaqqu fejn l-*abdominal cavity* ġiet minfuda.

Dwar ġriehi fl-idejn il-Qorti tal-Appell għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Bernard Briffa u Stephen Catania[134]**

> ….. mhux kull lacerazzjoni fil-wiċċ tista` titqies bħala tali li twassal ghal fregju. Lanqas ma nistghu nghidu li kull marka fil-wiċċ hija sfregju…..
>
> Illi l-appellanti iressaq lanjanza oħra sussidjarja ghal dik marbuta mal-apprezzament tal-provi meta jilmenta illi ma hemmx prova illi l-ġrieħi sofferti mill-parti leza kienu ġrieħi gravi fit-termini ta' l-artikolu 216(1)(b) billi ma giex ippruvat illi l-lacerazzjoni li soffrew f'wicchom hallielhom marka permanenti. Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid ix-xhieda tat-tobba u konsulenti li kienu involuti fil-kura li ircevew iz-zghazagh taljani wara l-agressjoni subita minnhom. Fost id-diversi ġrieħi li sofrew jidher illi kien hemm lacerazzjonijiet fil-wiċċ li kien jenhtiegilhom il-punti. Issa l-appellanti jikkontendi illi ma hemmx provi fl-atti li jindika illi il-lacerazzjonijiet subiti hallew xi marka permanenti fil-wiċċ konsistenti fi sfregju biex b'hekk qed ifixkel dak li huwa sfregju fil-wiċċ mal-mankament fil-wiċċ u ukoll il-klassifikazzjoni tal-gravita tal-ferita subita. Dan għaliex "***l-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wiċċ (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju għall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skond l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodiċi***

[130] Fol.748-749. Vide *Case Summary*, **Dok.AS-Dok.AS3** a fol.753 et seq
[131] Fol.633
[132] Fol.633-634
[133] **Dok.AS1** a fol.756
**[134]** Qorti tal-Appell Kriminali. Per Onor. Imħallef Edwina Grima , 31/05/2017; Appell Nru. 195/2016

***Kriminali.***[135]" Fuq kollox l-"***sfregju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wiċċ. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin***[136]***."*** Inghad ukoll illi "***Jekk l-isfregju jkunx semplici jew gravi u permanenti hija kwistjoni ta' gradazzjoni; imma l-isfregju jkun hemm dejjem, jekk ikun hemm dik ic-cikatrici***[137]***."***

Tenut kont tal-ġrieħi fuq l-idejn, issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Garrett**: [138]

Issa l-ewwel aggravju huwa dwar in-natura tal-ġrieħi. L-appellant issottometta li l-ġrieħi ma damux u allura ma jistgħux jitqiesu ġrieħi li jaqgħu taħt l-artikolu 216 tal-Kap 9. Iżda l-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Filfatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Frar 1998 fil-każ **'Il-Pulizija versus Fortunato Sultana'** qalet hekk:

*'Skont l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-Liġi ma tirrikjedix li dan l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ ( jew fl-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet tal-imsemmija dispożizzjoni. Il-permanenza ta l-isfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', tagħti lok għal hekk imsejħa 'offiża gravivissima' skont l-artikolu 218 (1)(b) tal-Kap 9.'1*

Għal dak li huwa sfreġju jew mankament, il-Qorti qed tagħmel referenza għall-każ '**Il-Pulizija versus Paul Spagnol'** tat-12 ta' Settembru 1996 (Volume LXXX) fejn intqal hekk:

*'B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir filregolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont ġurisprudenza ormai pacifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wiċċ, għalkemm it-telf ta 'ħafna snien jistgħu jġibu kemm sfreġju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu iħallu fuq il-wiċċ u speċjalment fir-reġjun tal-ħalq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).'*[139]

U għall-kompletezza l-Qorti qed tirreferi għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ '**Il-Pulizija vs Generoso Sammut'** tat-2 t'Awissu 1999 dwar l-offiża fuq il-persuna:

*'Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża,*

---

[135] **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** – App. Inf 05/02/1998
[136] **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** – App.Inf. 12/09/1996
[137] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** – App.Inf. 15/02/1958
[138] Onor. Imħallef Dr Lawrence Quintano, App. Nru. 169/2011. Deciz 14/05/2012.
[139] Volum LXXXII. 1998 Parti IV Paġina 109

*jibaqa' xu dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża.'*[140]

Għall-fatti ta' dan il-każ huwa relevanti l-artikolu 216(1)(a)(b) tal-Kap 9. B'mod partikolari is-subinċiż (b) –

'jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż'.

Fil-fehma tal-Qorti l-ksur tal-imnieħer (ara ritratti) kif ukoll il-laċerazzjoni jistgħu faċilment jitqiesu kemm sfreġju kif ukoll mankament. Anzi, xkont ix-xhieda tat-tabib Martin Camilleri, il-laċerazzjoni setgħet tħalli traċċi permanenti. Id-difiża tinsisti li m'hemmx prova li l-isfreġju jew mankamant dam għal tletin ġurnata jew iżjed. Bir-rispett kollu, kif sewwa spjegat il-Qorti fil-każ 'Il-Pulizija versus Spagnol', dan it-tul ta' żmien mhux rikjest mil-liġi fissubinċiżi li għalihom qed issir referenza. Din l-idea żbaljata qed tirriżulta minħabba li s-subparagrafu (d) jsemmi t-tul ta' żmien iżda dan is-subpragrafu huwa indipendenti u għandu jitqies għalih u qatt ma jista' jew għandu jinqara bħala xi kwalifika għas-subparagrafi preċedenti.

Mir-ritratti li jifformaw ir-rapport ta' Dr. Vassallo[141] fejn *inter alia* jidhru feriti fondi fil-polz u fil-pala tal-id ta' Zarb, magħdud ma dak li kkonsta Dr. James Borg li jiddeskrivi il-feriti li ġarrab Zarb fuq idejh, hu ċar li jirrizulta l-**isfreġju.**

Konsegwentement u meta jittieħed konsiderazzjoni tad-diversi daqqiet u d-direzzjoni tagħhom li kkaġuna l-imputat fuq Zarb, fejn kif intqal ippenetra saħansitra l-*abdominal cavity* permezz ta' strument li jaqta w bil-ponta, **tali għemil jinkwadra f'dak ta' tentattiv ta' offiża kontemplata bl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali.** Offiżi li wasslu lil Zarb f'xifer il-mewt, fejn kien biss bl-intervent kirurġiku f'waqtu, li ħajtu ġiet salvatha. Fortunatament dak l-intervent wassal sabiex illum Zarb *"baqa' b'sahhtu u **permanentement ma hemmx xi konsegwenzi fuq il-funzjoni**"*[142] fejn għall-bidu w wara li kien infexx fiħ Debono instab li ġarrab feriti li kienu ***"life threatening"***.[143] Ir-ritratti ferm grafiċi li jinsabu fir-relazzjoni tal-espert Dr. Vassallo jitkellmu għalihom![144]

*L-Artikolu 227(c) tal-Kodiċi Kriminali*

L-abbli difiża tal-imputat tissottometti li dan hu każ klassiku kif kontemplat bl-artikolu 227(c) tal-Kodiċi Kriminali, bl-għemil inkriminat ikun wieħed li seħħ sforz ta' provokazzjoni, u cioe fejn isib applikazzjoni l-iskużant minħabba passjoni istantanja li tkun ħakmet l-awtur ta' delitt, f'dan il-każ dak ta' offiża fuq il-persuna.

140 Vol LXXXIII.1999.Pt.IV paġina 365
141 Fol.396-397
142 Fol.717 per Dr. Mario Scerri
143 Fol.633-634
144 Fol.393 et seq

Issa din id-dispożizzjoni ma tieqafx bir-rekwiżit li d-delitt ikun sar taħt passjoni istantanja iżda tissokta b′ żewġ rekwiżiti oħra ferm u ferm importanti li jsawru din id-difiża. Fil-fatt il-liġi tirrikjedi li tali għemil irid ikun wieħed li (i) kommunement, (ii) iqanqal reazzjoni simili f′persuna ta′ temperament ordinarju, test oġġettiv u mhux wieħed soġġettiv:

> (ċ) meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha;
>
> sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, **f'nies ta' temperament ordinarju, komunement** iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.

Iktar minn hekk, fl-ewwel lok irid jiġi determinat jekk ġiex pruvat li Zarb ipprovoka lill-imputat; anzi jekk dak l-għemil perċepit mill-imputat jistax jitqiesx bħala att provokatorju.

Hawn ma jridx jintesa li hu biss rapport wieħed li nġab il-quddiem u jirreferi għal "inċident" li seħħ xejn anqas minn sitt ijiem qabel l-aggressjoni (fit-12 ta′ Settembru, 2019) u dan għaliex skond Debono l-imputat għadda minn triq pubblika fejn jirrisjedi hu u *"harisli bl-ikrah, jiena ukoll haristlu bl-ikrah lura. Ahna ma waqafnix, iżda bqajna sejrin lejn triqtna. Jiena ma nixtiqex jghaddili minn hemm"*.[145]

Dikjarazzjoni li hi waħda insensata w redikola. Minbarra li fil-każ in deżamina il-ħars bl-ikrah li kien reċiprokat, Alla ħares kull ħars ikrah iwassal sabiex jiem wara, taħt **pretest** tal-provokazzjoni, persuna taggredixxi lil persuna oħra li jidrilha kienet ħarsitilha bl-ikrah. U biex jingħad l-ovvju: ħars ikrah bl-ebda mod ma jista′ jitqies bħala att provokatorju!

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Zaffaraese** l-Qorti eżaminat ir-rekwiżiti legali sabiex tista′ ssib suċċess id-difiża mqanqla mill-imputat Debono:[146]

> Illi l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar l-iskuzanti tal-legittima difesa u cioe meta il-feriti jsiru "*minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha*"

---

[145] Fol.802

[146] Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera; Appell Nru: 345 / 2018. Deċ. 12 ta′ Diċembru, 2018.

Il-ligi tispjega ukoll li "*sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-feriti jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*

Fost ir-rekwiziti sabiex tapplika din l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "*illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt*[147]."

Illi intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela**[148] "*Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta* … ". Il-gurista **Francesco Antolisei** in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "*la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto*[149]"

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt tal-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Illi fil-kaz in desamina jirrizulta li fil-jum tal-incident u cioe fl-14 ta Mejju 2016 ma kien hemm l-ebda provokazzjoni. L-allegat incident li forsi setgha irrabja lill-appellant jew ahjar iddisturbah sehh lejliet bejn bintu Mandy u l-vittma u ghalhekk zgur li l-appellant kellu bizzejjed hin sabiex jikkalma u ma jhossux daqstant provokat.

Sabiex tirnexxi d-difisa taht la-rtikolu 227 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa necessarju *sine qua non* li l-offizi saru **immedjatament wara u fuq l-provokazzjoni tal-vittma**. Zgur li fil-kaz in materja ma jidhirx li dan kien il-kaz ghaliex kien l-appellant li mar ghas-sodisfazzjon l-ghada, l-iskambjament ta' kliem li kien hemm bejn bintu u l-vittma li in realta ma wassal ghal imkien, ghaliex f'kaz li hemm bizzejjed hin sabiex il-passjoni tonqos jew tibred u ghalhekk bizzejjed hin sabiex l-agent jerggha jiġi f'tiegħu fis-sens li ma jkunx f'sahna ta' demm, kif gara fil-kaz odjern ma jkun hemm din il-provokazzjoni iżda ikun hemm tpattija voluta.

**Glanville Williams** fit-Textbook of **Criminal Law**[150] - jghid:

"*Killing in provocation is a kind of killing in revenge but we refrain from calling it that. The term 'revenge' is used for retaliatory action that is planned and cold blooded. Provocation refers to the heat of the moment.*"

Id-definizzjoni klassika tal-kelma '*provocation*' giet mehuda mill-indirizz moghti mill-Imhallef Derlin fl-Ingilterra fil-kawza **R v Duffy**[151]fejn qal:

---

[147] Artikolu 227(c) tal-Kodiċi Kriminali

[148] Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l- 10 ta Settembru 2004

[149] **Antolisei F**. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989; pg.394 -39

[150] Pg. 479

[151] [1949] 1 All ER 932

*"Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in* ***any reasonable person*** *and actually causes in the accused, a sudden and temporary loss of self control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind."* [emfasi ta' din il-Qorti]

L-istess Qorti, diversament preseduta, fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs Leonardo Balzan** sabet li:[152]

> Fost ir-rekwiziti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt." Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tiegħu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. ........
>
> Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dina l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Issa hawnhekk ukoll il-Qorti ma tqiesx illi **bniedem ta' temperament ordinarju kellu ikollu reazzjoni vjolenti** meta jiġi mghajjar "egoist", kif jallega l-appellanti tant illi dan kellu jirreagixxi b'mod fiziku f'argument verbali u dan meta xejjer daqqa ta' harta f'wicc il-parti leza biex b'hekk wiegeb bil-vjolenza u ecceda il-limiti tal-imgieba xierqa. Illi ghalhekk lanqas dan l-aggravvju ma jisthoqqlu akkoljiment.[emfasi ta' din il-Qorti]

Fil-każ in deżamina **ma kien hemm l-ebda att provokatorju** da parti ta' Zarb li kull ma għamel kien li eżerċita dritt li kellu bħal kull ċittadin ieħor li jgħaddi minn sqaq li nzerta kien jgħix fih Debono. M'hemmx dubbju li l-għemil ta' Debono ma jista' qatt jinkwadra bħala wieħed li bniedem ta' temperament ordinarju seta' kellu reazzjoni simili għal dik li nfexx f'dagħdigħa fiha Raymond Debono.

Għaldaqstant ma jsibx applikazzjoni l-Artikolu 227(c) tal-Kodiċi Kriminali.

Ma jista' qatt ikun hemm xi dubbju li bl-għemil tiegħu Debono ried jikkaġuna ħsara lil Zarb. Biżżejjed wieħed jara l-immaġini ta' tkexkix tal-imputat ixxejjer bis-sieq lill-anzjan li kien għadu kemm tah xeba mus u tefgħu f'xifer il-mewt. Xi krudelta!

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali, **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, deċiża fit-30 ta' Marzu, 1998, intqal:

> "Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effetivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu" Il-Professur Mamo ighid: ***"To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention***

[152] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., Appell Nru: 327/2016; Deċ. 31 ta' Mejju, 2017

***required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues.***

Fil-ktieb tiegħu, Notes on Criminal Law, il-**Professur Anthony J. Mamo** ikompli jgħid hekk:

> In other words, it is <u>not essential</u> that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted.... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, <u>he will answer for the harm actually caused</u>, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu.[153] [sottolinear ta' din il-Qorti].

Fl-isfond tal-ġurisprudenza enunċjata w għar-raġunijiet premessi, m'hemmx dubbju li l-imputat hu ħati tat-tentattiv t'offiża gravi skond l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. Indubbjament ried iweġġa w jagħmel ħsara lil Zarb.

<u>L-Artikolu 222A tal-Kodiċi Kriminali</u>

L-Avukat Ġenerali ġustament tindika bħala wieħed mill-artikoli, l-artikolu 222A(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jipprovdi għal żieda fil-piena meta offiża issir fuq persuna li jkollha aktar minn sittin sena. F'dan il-każ Zarb kellu 74 sena meta spiċċa attakkat mill-imputat. Madanakollu meta l-leġislatur introduċa emendi bl-***Att LXV tal-2021*** għal xi raġuni ġiet <u>mħassra</u> din id-dispożizzjoni li qabel l-introduzzjoni tal-Att ċitat kienet taqra hekk:

> **222A.** (1) Il-pieni msemmijin fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta l-offiża ssir fuq persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena jew fuq persuna li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha ma tkunx tista' tiddefendi ruħha sew:
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx meta hemm previst diġà aggravju tal-piena f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra.

B'hekk biex ingħatat protezzjoni debita w xierqa lil grupp ta' persuni, ġiet sagrifikata s-soċjetà vulnerabbli w dik anzjana.

Bl-att imsemmi – konsapevolment jew bi żball - dan l-aggravvju tħassar mingħajr imqar ma ddaħħlu dispożizzjonijiet tranżitorji. Lanqas jista' jsib applikazzjoni l-artikolu 257A tal-Kodiċi Kriminali peress li din id-dispożizzjoni tikkontempla reat *ad hoc,* kuntrarjament għall-aggravvju kif kien kontemplat bl-artikolu 222A(1) tal-Kodiċi. Konsegwentement il-Qorti qed tiġi prekluża milli

[153] Paġna 225. Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Noel Degiorgio**, Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Dr. Marseanne Farrugia 22.12.2014; **The Police vs Chinonso Jude Okeakpu** 2.10.2013 **u Il-Pulizija vs Stephen Ciangura**, 26.09.2012, Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Dr. Edwina Grima.

tapplika l-aggravvju kif oriġinarjament kien applikabbli tenut kont li l-vittma kien anzjan ta' 74 sena meta seħħ ir-reat; aggravvju li kien jara l-piena tiżdied bi grad jew tnejn.

It-Tieni w it-Tielet Imputazzjoni

It-tieni w it-tielet imputazzjonijiet jirreferu għall-arma regolari, liema tifsira hi dik kontemplata bl-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-każ in deżamina l-arma kienet mus u għaldaqstant waħda irregolari. B'hekk ma tistax tinstab ħtija fuq it-tielet imputazzjoni.

Hawnhekk jingħad ukoll li għalkemm it-tieni imputazzjoni kif addebitata tirreferi biss għall-arma regolari, fl-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali korrettament jiġi ċitat l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali li jsemmi wkoll *"strument li jaqta' jew inigġeż".*

Għaldaqstant qed tinstab ħtija fuq it-tieni imputazzjoni iżda mhux fuq it-tielet imputazzjoni. Ir-raba u l-ħames imputazzjonijiet ukoll ġew soddisfacentement ippruvati.

L-ispejjeż: Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali

Rigward l-ispejjeż li ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali Qorti għandha tikkundanna l-ħati għalihom, w senjatament, fil-każ in deżamina, dawk in konnessjoni mal-inkarigu ta' Dr. Marisa Cassar kif maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta Maġisterjali, ittieħdet konsiderazzjoni tas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Bartolo.**[154] F'dik id-deċiżjoni saret id-distinzjoni bejn ħatriet li kienu meħtieġa iżda ma wasslu għall-ebda konklużjoni w dawk il-ħatriet li *"taw riżultat fin-negattiv u allura ma servew ta' ebda utilita' għal proċess ġudizzjarju":*

> 13. Illi allura għalkemm illum il-ġurnata wara l-emendi introdotti għal din id-dispożizzjoni tal-liġi permezz ta'l-Att XII tal-2005, l-kundanna għal ħlas ta' dawn l-ispejjeż ma għadhiex tiddependi minn talba magħmula għaldaqstant mill-prosekuzzjoni, b'dan għalhekk illi l-Qorti dejjem għandha tipproċedi għal tali kundanna, madanakollu meta l-ħatra tal-espert ma tkun ta' ebda utilita' għal dik il-proċedura, jew meta l-konklużjonijiet tiegħu jkunu fin-negattiv, il-ħati ma għandux ikun ikkundannat għall-ispejjeż inkorsi f'dik il-ħatra.

[154] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Bartolo**; Per Imħallfin S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti, Onor Imħallef Joseph Zammit McKeon, Onor Imħallef Edwina Grima; Deċiża 27 ta' Jannar 2021, Att ta` l-Akkuża Nru. 4/2019

"Illi din il-miżura tal-kundanna fit-totalita' jew f'parti, tiddependi mid-diskrezzjoni ta' l-Imħallef li jkun ippresjeda l-ġudizzju fil-meritu; imma ċertament, fl-eżerċizzju ta' dina d-diskrezzjoni, il-Qorti għandha tkun gwidata minn ċerti kriterji, bħalma huma:- (a) ix-xorta u ċ-ċirkustanzi kollha tad-delitt; (b) jekk l-ispejjeż tal-perizja jkunux ta' xorta tali li kienu dejjem isiru, anki apparti l-proċess kontra l-akkużat, jew jekk jikkonnettux ruħhom anki mar-responsabiltà ta' l-akkużat partikulari u ta' x'hix għandu jirrispondi; (c) jekk il-prova peritali kienetx assolutament neċessarja, jew setgħetx ma ssirx, jew issir aktar ekonomikament, kwante volte kien hemm xi estensjoni mhux tant ġustifikata ta' l-inkariku[155]"

Illi dan il-pronunzjament ġudizzjarju magħmul addirittura 'il fuq minn sebgħin sena ilu għadu jiswa sal-ġurnata ta' llum, bil-kriterji hemmhekk imfassla joffru linja gwida lil Qorti llum dwar il-mod kif dik id-diskrezzjoni marġinali għandha tiġi eżerċitata. .....

17. Illi allura stabbiliti dawn ir-riżultanzi proċesswali, l-Qorti issa trid tara, skont it-test imfassal fid-deċiżjoni ta' Cacciattolo hawn fuq iċċitata, jekk dawn l-ispejjez humiex tax-xorta tali illi dejjem għandhom isiru u jekk hemmx dak l-irbit bejnhom u r-responsabbiltà tal-akkużat għar-reat lilu addebitat. Finalment il-Qorti trid tistħarreġ jekk dawn l-ispejjeż kienux assolutament neċessarji sabiex isir l-istħarriġ ġudizzjarju li wassal għal verdett finali.

18. Illi jibda biex jingħad illi l-maġġior parti tal-esperti ġew maħtura fil-kors tal-inkjesta maġisterjali dwar l-in genere meta allura l-awtur tar-reat kien għadu injot. F'dan l-istadju tal-proċess investigattiv kien jinħtieġ illi dawn l-esperti jassistu lil Inkwirenti u lil pulizija fil-kors tal-istħarriġ minnhom kondott. ......Minn hawn 'il quddiem madanakollu, u anke wara li l-appellant ġie mixli fil-qorti bid-delitt tal-omiċidju, ma jidhirx illi l-akkużat eżenta lill-Prosekuzzjoni milli tipproduċi lil dawn l-esperti bħala xhieda u milli jiġu esibiti in atti r-rapporti tagħhom. Dan magħdud, madanakollu l-Qorti ma tistax ma tosservax illi hemm rapporti ta' esperti li ftit li xejn kellhom utilità ai fini ta' dan il-proċess ġudizzjarju. ....

19. Illi apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti trid tqies ukoll sa fejn wasslet ir-responsabbiltà penali tal-appellant u ta' xhix ġie misjub ħati..... Illi allura hija il-fehma tal-Qorti, illi meta jsir il-ġudizzju dwar il-kundanna għal ħlas tal-ispejjeż peritali fit-termini ta'l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u bid-diskrezzjoni limitata mogħtija lilha mill-leġislatur, dan għandu jirrifletti il-ġudizzju dwar is-sejbien ta' ħtija tal-persuna akkużata u r-responsabbiltà' penali tagħha f'għajnejn is-soċjetà'. M'għandux il-ħati jħallas għal dak li ma huwiex responsabbli għalih.

20. Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u applikati għal każ in diżamina għandu jirrizulta illi l-ħatra ta' ċertu esperti hija waħda neċessarja sabiex jiġi mibni il-qafas tal-proċess ġudizzjarju. .... L-esperti l-oħra, imbagħad, li ġew maħtura f'dan l-istħarriġ ġudizzjarju, setgħu kienu utli sabiex jiġi stabbilit min hu l-malvivent sabiex b'hekk ir-rapporti tagħhom setgħu kienu utli u setgħu ma kienux. ......Mhux biss iżda r-riżultanzi ta' dawn l-esperti kienu fin-negattiv u allura ma kienux ta' utilita' għad-determinazzjoni tal-ħtija u tar-responsabbilta' penali tal-appellant.

Tenut kont li fil-każ in deżamina għalkemm l-imputat deher fil-filmati jaggredixxi lil Zarb, l-istess imputat qatt ma wasal biex jammetti li tassew kienu hu li aggredih. L-ispetturi Arnaud, Spiteri u Grech jikkonfermaw li Debono ma

[155] [IL-MAESTA' TIEGHU R-RE vs VINCENT CACCIOTTOLO; 06/04/1948 OF CRIMINAL APPEAL (INFERIOR) Volume 33F (1948), Part No. 4, Section , Page 553]

kkowoperax mal-pulizija minkejja li ntwera l-filmat li juri l-aggressjoni.[156] Kien biss meta xehed *viva voce* li jikkonferma dan. Konsegwentement l-esperti maħtura ilkoll kellhom utilità ai fini ta' dan il-proċess ġudizzjarju. Fil-fatt fl-istqarrija saħansitra Debono jiċħad li aggredixxa lill-kuġinuh kif ukoll li kien rah propju fil-jum li ġie aggredit minnu stess, ***"Mhux vera ma tajtux[157].....Le ma rajtux jien"***. [158] Jingħad ukoll li fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri l-prosekuzzjoni ma ġiet eżentata mill-imputat milli tressaq lil xi espert bħala xhud u/jew milli jesebixxu r-rapport fuq xi inkarigu lilhom mogħti.

**Il-Piena**

Dwar il-piena ġie kunsidrat li l-ħames imputazzjoni hi assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Dan kien każ fejn ma kien hemm ebda atti provokatorji da parti ta' Zarb, anzi mir-riżultanzi proċesswali l-Qorti ssib li Debono kien qed jistenna lil Zarb bil-mus fil-but; azzjoni indubbjament premeditata**.** Li Debono ried iweġġa lil Zarb hi ċertezza w dan jixhduh il-filmati li jġib il-Debono jagħti daqqa wara l-oħra lil Zarb bla ħniena w bla ħjiel ta' rażan, tant li meta Zarb ma felaħx iżomm aktar fuq saqajh u waqa' mal-art, Debono issa jinfexx itih bis-sieq. Il-provi f'dan il-każ huma inekwivoċi tenut kont li l-aggressjoni w l-attakk mill-aktar salvaġġ fuq Zarb inqabad mill-filmati. Il-vjolenza li nfexx fiha Debono kienet waħda gratwita, twettqet f'tebqa t'għajn wara li kien qed jistenna s-siegħa w il-mument li jiżvoga f'Zarb. L-istennija ta' Debono fuq l-għatba propju fil-ħinijiet li kien jgħaddi mit-trejqa Zarb, timmanifesta kemm l-imputat kien ħaseb sew dwar dak li kellu lest għal Zarb, sal-mus żamm fuqu! Ir-rabja ta' Debono għal Zarb kienet kbira, ***"ma flahtx izjed giet dalma fuqi"***.[159]

Il-Qorti wkoll ikkunsidrat il-karattru tal-imputat fejn tul il-proċeduri dejjem attenda fil-ħin jekk mhux minn sigħat qabel. Ittieħed kont tax-xiehda tal-Ispettur Spiteri fejn jgħid li Debono *"qatt ma tagħna trouble"* u dejjem segwa l-obbligi imposti fuqu,[160] kif ukoll tal-fedina penali tiegħu[161] li timmanifesta li tul ħajtu l-imputat instab ħati darba biss, kważi tlieta w għoxrin sena ilu, iżda anke dakinhar instab ħati fuq offiżi kontra l-persuna.

---

[156] Fol.34-35; 325
[157] Fol.109
[158] Fol.111
[159] Fol.798
[160] Fol.812
[161] **Dok.KA1** a fol.7-7 *tergo*

Kif deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Josef Camilleri:**[162]

> Illi umbaghad, kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -
>
> *"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika "*
>
> u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, **Il-Pulizija vs Alfred Galea,** każ fejn l-vittma sofra ġrieħi kważi identiċi għal dawk li ġarrab Zarb u fejn, f'liema proċediment ġie reġistrat qbil fuq il-piena ta' ħames snin u nofs priġunerija, il-Qorti kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'tagħmel:[163]

> Illi in linea generali jibda biex jinghad li:
>
> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[164]
>
> Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fiddiskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

---

[162] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Stephen Mamo** Per S.T.O. Prim Imħallef Vincent Degaetano, Deċiża 23 ta' Lulju, 2010, Appell Nru. 27/2010

[163] Per Onor. Maġistrat Dr. J. Mifsud. Deċiża 28 ta' Ottubru, 2021 Kumpilazzjoni numru: 584/2016

[164] Ref **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deċiż 28.11.2006

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[165] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

> Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
>
> (a) Retributtiv;
> (b) Preventiv; u
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena
>
> **L-aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bilkommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' tagħha.
>
> **L-aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.
>
> **L-aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. **L-effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. **L-aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.
>
> Finalment hemm **l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir- rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

[165] Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t' Ottubru 2019

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **effetti riedukattivi u korrezzjonali** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva

F'dan l-isfond tajjeb li ssir riferenza wkoll għal dak li hu l-iskop tal-piena. Fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Francis Mamo** ġie kunsidrat:[166]

Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[167]

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[168]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

Finalment il-Qorti ser tiċċita silta meħuda minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurice Agius** fejn il-Qorti kienet qed tikkunsidra l- *principles of sentencing*:[169]

---

[166] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċ. 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[167] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Dec. 28.11.2006.

[168] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.

[169] Per S.T.O. Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.; Deċiza fit-13 ta' Novembru, 2009; Appell Nru. 328/09

> Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt) ,… Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **R v. Sargeant** [(1974) 60 Cr.App. R. 74.]:
>
> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand, they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."** [Emfazi ta' dik il-Qorti]

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulha, dmir din il-Qorti hu ċar. Il-Qorti hi obbligata tqis l-impatt li reati simili mwettqa b'tant vjolenza w brutalita jħallu fuq il-membri tas-soċjetà. Għalkemm Debono hu raġel matur li ma jirriżultax li għandu kondotta vjolenti w għalkemm ma jirriżultax li Debono jinħtieġ riforma jew riabilitazzjoni partikolari, l-vjolenza qatt ma tista' tiġi tollerata.

Is-soċjetà jinħtieġ tingħata messaġġ ċar. Dak li l-Qrati jservu tat-tarka kontra kondotta sfrenata w inumana bħal dik li wera Debono meta ippermetta l-istinti l-iktar bażiċi w inumani tiegħu jieħdu s-sopravent, u wasal sabiex b'tant krudilta w bla eżitazzjoni infexx f'attakk fuq anzjan ta' 74 sena, li kieku ma kienx għall-intervent tat-tobba, il-konsegwenzi setgħu kienu ta' xort'oħra.

Minkejja li l-imputat qed jinstab ħati taħt l-artikolu 6 tal-Att dwar l-Armi, meqjusa ċ-ċirkostanzi tal-każ fejn l-imputat infexx f'dagħdigħa li setgħa kellha konsegwenzi traġiċi, il-Qorti hi tal-fehma li minkejja li s-senter kien liċenzjat, xorta jsib applikazzjoni l-artikolu 57 ta' dak l-Att.

Ġa saret riferenza għall-fatt li l-Qorti ma tistax iżid l-aggravvju fil-piena ġaladarba l-***Att LXV tal-2021*** ħassar id-dispożizzjoni rilevanti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(ċ)(d)(2), 217, 218(1)(a)(b)(2) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikoli 6, 51(7) tal-Att dwar L-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha w tikkundannah għal **ħames snin priġunerija** kif ukoll għal multa ta' **€116.47c.**

Ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bħala kumpens lill-vittma Emanuele Zarb għall-offiżi lilu kawżati, l-imputat għandu jikkumpensah fl-ammont ta' **erbat elef ewro (€4,000).** Din l-ordni għandha l-istess forza w effett, u hija esegwibbli bl-istess mod, bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u Emmanuele Zarb, il-parte leża.

A tenur tal-Artikolu 57 tal-Att dwar L-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu xi liċenzja taħt dak l-Att għal sentejn m'illum.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€20,922,66c** rappreżentanti spejjez peritali.[170]

Inoltre` ai termini tal-artikolu 23 tal- Kodiċi Kriminali w tal-artikolu 56 tal-Att dwar L-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-mwies esibiti.

Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Emmanuele Zarb u familtu għal żmien tlett snin m'illum.

Fl-aħħar nett u in vista tal-konsiderazzjonijiet magħmulha dwar it-tħassir tal-Artikolu 222A(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lil Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja, lil Avukat Ġenerali u l-Law Commissioner.

**Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[170] Mhux qed jiġi komputat ukoll l-ammont ta €318.60 (fol.686) għar-rapport esibit a fol.671 et seq tenut kont li l-istess rapport kien ġie intaxxat għal €17,671.68c kif jirrizulta a fol.378